Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 433/2005/1

**Marlene Mizzi**
**(appellata)**

**Vs**

**Onorevoli Ministru Agostino Pio sive Austin Gatt**
**(appellant)**

13 ta' Lulju, 2018.

1. Permezz ta' Avviż ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2005 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fuq talba tal-appellata odjerna l-appellant ġie mitlub jiddikjara għaliex m' għandux jiġi kkundannat:

   *(1) Prevja kull dikjarazzjoni opportuna ta' din il-Qorti illi l-intervista intitolata 'No prospects' for national shipping line li ġiet ppubblikata fil-ħarġa ta' The Times tal-1 ta' Lulju, 2005 (Dok A), hija libelluża fil-konfront tal-attriċi billi hija waħda malafamanti bil-għan li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tagħha fit-termini ta' dak li tipprovdi l-Liġi tal-Istampa (Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta); u*

   *(2) li tħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi stabbilita minn din il-Qorti li ma teċċedix il-ħamest elef lira maltin (Lm5000) a tenur tal-artikolu 28 tal-Liġi Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta).*

   *Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mill-preżenti sal-pagament effettiv u bil-konvenut minn issa nġunt għas-subizzjoni.'*

2. Permezz ta' nota tal-eċċezzjonijiet[1] ppreżentata fit-22 t' Awissu 2005, il-konvenut wieġeb:

   *'1. Preliminarjament, illi l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju billi huwa mhux azzjonabbli taħt il-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) peress illi ma jistgħax jiġi ċitat la taħt l-Art. 23 u anqas taħt l-Art. 24A.*

   *2. Mingħajr preġudizzju għal premess, illi t-tweġibiet verbali li ta l-konvenut għall-mistoqsijiet magħmula lilu mill-intervistatur m'humiex libellużi billi*

[1] Fol. 7

*jikkonsistu fl-opinjoni tal-konvenut (msejha 'value judgments' fil-ġurisprudenza tal-European Court of Human Rights) li huwa intitolat jesprimi kif garantit mill-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u għalhekk jammontaw għall-"fair comment".'*

3. Permezz ta' sentenza parzjali datata 9 ta' Mejju 2008[2] limitatament dwar l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet illi l-intervista in kwistjoni tikkwalifika bħala diskors pubbliku a tenur tal-Artikolu 24A tal-Kap. 248 u b' hekk ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Ministru Austin Gatt u ordnat il-prosegwiment tal-kawża.

4. Fid-19 ta' Mejju 2008, il-konvenut appella[3] minn din id-deċiżjoni u saħaq li d-diskors li sar bejnu u Steve Mallia, il-ġurnalist ma' *The Times* li intervista l-konvenut u kiteb l-artikolu, kien wieħed privat u għalhekk mhux applikabbli l-artkolu 24A tal-Kap. 248 fiċ-ċirkostanzi.

5. L-attriċi wieġbet[4] li s-sentenza appellata timmerita li tiġi konfermata *in toto*.

6. B'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Diċembru 2008,[5] l-appell ġie miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti u l-atti ġew rimessi lura lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni u definizzjoni tat-talba u tal-eċċezzjoni rimanenti għaliha.

7. Permezz ta' sentenza mogħtija fis-16 ta' Ottubru 2017[6] il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ddeċidiet:-

*'Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut, ossia l-eccezzjoni fil-mertu, u minflok tilqa' t-talba attrici u filwaqt li tiddikjara li r-risposti li l-konvenut ta lil Steve Mallia dwar l-attrici fil-kuntest ta' l-intervista li giet ippubblikata fil-harga ta' The Times ta' l-1 ta' Lulju 2005 bit-titolu "No prospects" for national shipping line huma libelluzi u malafamenti fil-konfront ta' l-attrici peress li intiz li jtellfu jew inaqqsu r-reputazzjoni taghha, tillikwida d-danni dovuti lill-attrici a tenur ta' l-Artikolu 28 tal-Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta fis-somma ta' €1,000 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-imsemmija somma ta' €1,000, bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza sad-data ta' l-effettiv pagament.*

*L-ispejjez ta' dawn il-proceduri, inkluzi dawk konnessi ma' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-konvenut deciza b'sentenza pronuncjata minn din il-*

[2] Fol. 48 et seq.
[3] Fol. 60 et seq.
[4] Fol. 66.
[5] Fol. 73 et seq.
[6] Fol. 171 et seq.

*Qorti diversament presjeduta fid-9 ta' Mejju 2008, jibqghu a karigu tal-konvenut.'*

8. Minn din is-sentenza appella l-konvenut. L-aggravju tiegħu huwa li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament skorrett kemm tal-fatti kif ukoll tal-Liġi.

9. Permezz ta' risposta datata 17 ta' Novembru 2017, l-appellata fissret ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha s-sentenza appellata timmerita li tiġi konfermata *in toto*.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

10. L-appellant jilmenta kemm bi skorrettezzi fattwali fis-sentenza appellata kif ukoll oħajn ta' natura legali. Mill-aspett fattwali l-aggravju hu:

- il-frażi u t-titolu li dwarha qed tħossha malafamata l-attriċi appellata trid tittieħed fil-kuntest sħiħ ta' l-intervista kif ukoll fl-isfond ta' dak li kien qiegħed jiġri fir-retroxena, ossija, wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea 2004, li kienet tipprojbixxi li jingħata *State Aid* lill-kumpanniji statali għajr f'każijiet eċċezzjonali fejn tiġi negozjata deroga appożita, il-politika tal-Gvern kienet li l-kumpanniji statali '*zopop*' kellhom jiġu likwidati jew privatizzati;

- l-Ewwel Qorti ħarġet mill-parametri tal-ilment tal-attriċi u kkunsidrat siltiet oħra li ma kinux mertu tal-kawża u għalhekk l-konvenut illum appellant ma ressaqx provi dwarhom;

- l-intervista tal-konvenut kienet reazzjoni għall-fatt li l-attriċi, bħala *Chairperson* ta' Sea Malta Limited, opponiet fil-beraħ l-istrateġija tal-Gvern li jillikwida jew jipprivatizza s-Sea Malta għaliex hija kienet tal-fehma li l-Gvern kellu jinvesti aktar flus fl-imsemmija kumpannija;

- id-diretturi nominati mill-Gvern ma kellhom l-ebda sehem fis-Sea Malta iżda kienu jirrappreżentaw biss l-interessi tas-66% tal-ishma li kellu fiha l-Gvern ta' Malta tramite il-Malta Government Investments Ltd;

- id-deċiżjoni tal-Gvern ittieħdet wara li *audit firm* kummissjonata appożitament ikkonkludiet li l-kumpannija Sea Malta qatt ma setgħetx tkompli topera b'mod vijabbli;

- Sea Malta Limited kienet qed tagħmel telf kull sena u fi ftit snin in-*net asset value* inbidel f'*net asset deficiency* b' dan illi l-Gvern kellu

jiggarantixxi d-dejn tagħha mal-banek. Skont l-appellant, l-fatt li l-Gvern kien qiegħed jagħmel tajjeb għal dawn id-djun meta s-Sea Malta ma kelliex prospetti li terġa ssir vijabbli, jammonta għal tberbieq mit-taxxi tal-poplu f'sussidji lil Sea Malta mill-*punto di vista* tal-Gvern, u hu, bħala Ministru responsabbli fiż-żmien in kwistjoni, kellu kull dritt jesprimi ruħu f' dan is-sens;

- il-kliem '*squandering of public funds'* mertu tal-kawża odjerna irid jinqara u jinftiehem fil-kuntest tal-fatt li fl-intervista in kwisjoni l-appellant dejjem tenna li l-attriċi '*was not doing badly' 'If I were convinced that she was doing badly, I would have sacked her. The problem with Sea Malta is structural, as we've always tried to explain' 'There were no prospects for Sea Malta'.* Għalhekk il-kliem '*squandering'* ma kienx attribwit lill-attriċi personalment iżda kien attribwit lill-Gvern li kien qiegħed jagħti sussidju annwali lil Sea Malta mill-erarju pubbliku minkejja li ma kellhiex prospetti li terġa ssir vijabbli;

- tul it-tmien snin li l-attriċi kienet fit-tmexxija tal-kumpannija ġie ppruvat u mhux kontestat li: (a) Sea Malta kellha telf rikorrenti annwali; (b) minn *net asset value* ta' Lm1.8 miljun spiċċat b'*net asset deficit* ta' Lm1.4 miljun; (ċ) l-Gvern kien jiggrantixxi s-self mill-bank għal dan it-telf rikorrenti. Skont l-appellant '*din is-sitwazzjoni fattwali (pruvata) hija opinjoni jew kif jissejjah fis-sentenzi tal-European Court of Human Rights – ECHR – jissejjah value judgment';*

- mill-bidu tal-intervista l-appellant iddistakka b' mod ċar u univoku l-allaċċjament li rat l-Ewwel Qorti ma l-operat tal-attriċi qua chairperson tas-Sea Malta;

11. Mill-provi prodotti jirriżulta li:

- Fit-8 t'April 1997 l-attriċi nħatret *Chairperson* tas-Sea Malta.[7] Fl-20 ta' Ġunju 2005 irriżenjat mill-kariga.

- Fl-1 ta' Lulju 2005 *The Times* ippubblikat intervista ntitolata '*No Prospects' for National Shipping Line* li l-appellant, dak iż-żmien il-Ministru li fid-dekasteru tiegħu kienet taqa' l-kumpannija Sea Malta Ltd, ta lill-ġurnalist Steve Mallia.

[7] Fol. 114.

- Fis-27 ta' Lulju 2005 l-attriċi ppreżentat il-kawża u sostniet li dak li ntqal kien malafamanti bil-għan li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tagħha fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

- l-**appellant** xehed[8] illi ma jiftakarx ta' min kienet l-inzjattiva sabiex issir l-intervista u lanqas jekk l-intervista rilaxxata mill-appellata li għaliha saret referenza fl-istess ġurnal saritx qabel ma rrilaxxa l-istqarrija hu. Jgħid li l-intervista saret fl-uffiċċju tiegħu fil-Ministeru u, b' mod ġenerali, dak li ġie ppubblikat jirrispekkja dak li huwa effettivment qal u fil-fatt ma talab ebda rettifika fir-rigward. Fi-seduta tas-7 t' Ottubru 2010[9] minn jeddu xehed illi l-attriċi qed tgħid li ġiet libellata meta huwa qal li hij fil-pożizzjoni li kellha fil-kumpannija kienet għamlet '*squandering'* of *public funds* iżda fl-intervista li kien ta ma kienx uża din il-frażi. Dak li qal kien iżda li l-attriċi bdiet iċ-*chairmanship* tagħha b'*net asset position* u spiċċat b' *net asset deficit position.* Mistoqsi mill-intervistatur jekk dan jammontax għal '*squandering money'* wieġeb '*there are some who say it's squandering and there are some who say it's normal business losses, everyone is free to define as one wants.'* Bħala prova li l-attriċi bdiet iċ-*chairmanship* tagħha b'*net asset position* u spiċċat b' *net asset deficit position* il-konvenut ippreżenta bħala '**Dok AG1'** l-*audited accounts* kollha tal-istess kumpannija minn sena qabel l-attriċi biet tokkupa l-kariga ta' *chairperson* tal-istess kumpannija sa meta rriżenjat minn tali kariga, li ġew riassunti f' '**Dok AG2'** li jindika kemm it-*total asset position* kif ukoll il-*current asset position* għas-snin imsemmija. Spjega li biex kumpannija tkun tista' topera l-*current asset position* tagħha trid tkun *positive* u mhux *negative.* Fl-ewwel sena finanzjarja li għaliha kienet responsabbli l-attriċi, ossija l-1998, il-*current asset position* kienet *positive* ta' Lm913,513. B' eċċezzjoni ta' profitti żgħar fl-2002 u fl-2005 meta l-attriċi rriżenjat mill-kariga tagħha f'din il-kumpannija, kien hemm *deficit* ta' €4,455,000. Is-Sea Malta kienet daħlet f'sitwazzjoni ta' *deficit* fis-sena 2000 u minn dik is-sena 'l quddiem l-Gvern tramite l-Ministeru tal-Finanzi kien joħroġ '*letter of comfort'* li kienet tingħata lill-banek permezz ta' liema l-Gvern kien jintrabat li jagħmel tajjeb għad-*deficit* tal-kumpannija (**Dok AG3**). Mingħajr dawn l-ittri l-kumpannija kien ikollha tagħlaq u kieku baqgħat topera f' sitwazzjoni ta' *deficit* id-diretturi kienu jesponu ruħhom għal proċeduri ċivili u kriminali. In kontro-eżami[10] reġa' kkwota testwalment l-kliem minnu użat fl-intervista u mistoqsi jekk kienx qed jattribwixxi dak li ġara fis-Sea Malta

[8] Fol. 13 -14 xhieda tat-8 ta' Frar 2006.
[9] Fol. 115 – 116.
[10] Fol. 142 – 145 xhieda tat-8 ta' Novembru 2012.

lill-attriċi llum appellata jgħid '*jiena għidt dak li għidt li ġie rapurtat ... rrapurtat fedelment'.* Xehed ukoll li kien hu li nnomina lill-attriċi u kemm dam responsabbli għas-Sea Malta kkonfermaha għal darba darbtejn bħala *chairperson.* Kien ikollu laqgħat regolari dwar is-Sea Malta fejn kienet tattendi ukoll l-attriċi appellata u diversi drabi wera l-preokkupazzjoni kbira tiegħu dwar il-problema kbira ta' finanzi li kellha s-Sea Malta u li ma setgħux jibqgħu għaddejjin kif kienu għaddejjin.

- **Stephen Mallia** xehed[11] li l-intervista ġiet mitluba mill-Ministru stess tramite l-uffiċċju tiegħu iżda kien hu li għażel is-suġġett partikolari għaliex dak iż-żmien il-kwistjoni tas-Sea Malta kienet ta' interess pubbliku. Il-Ministru ma ngħatax id-domandi minn qabel u filfatt ġie infurmat li parti mill-intervista kienet tirrigwarda s-Sea Malta x' ħin il-ġurnalist daħal fl-uffiċċju tiegħu. L-appellant ġie nfurmat li l-intervista kienet se tiġi ppubblikata iżda ma ngħatax kopja tagħha qabel il-publikazzjoni. Madanakollu, ma talab l-ebda rettifika.

- **Marlene Mizzi** xehedet[12] illi l-intervista li għamel l-appellant ġiet ippubblikata wara li hija rrilaxxat intervista għall-istess ġurnal fejn hija kienet ġiet mistoqsija dwar diskors li l-appellant għamel fil-Parlament fejn, bħala waħda mir-raġunijiet għalfejn ried ixolji s-Sea Malta, semma' '*squandering of public funds'* miċ-*Chairperson* tas-Sea Malta, ossija minnha. In risposta għad-domanda tal-intervistatur hija stiednet lill-appellant jirrepeti l-istess diskors barra l-Parlament sabiex tkun tista' tieħu passi kontrih. Sussegwentement l-istess kumment ġie mtenni fl-intervista mertu tal-proċeduri odjerni u għalhekk saret din il-kawża. Dan ġie ukoll mtenni fl-udejnza tas-16 ta' Mejju 2007.[13] Kompliet tispjega ulterjorment illi meta ngħatat l-intervista mill-appellant hija kienet diġa rriżenjat minn tali kariga mas-Sea Malta. Tgħid li kopja ta' dak li l-appellant qal fil-Parlament m' għandiex iżda fil-gażżetti ġiet rapurtata l-kelma '*squandering'* u filfatt meta Steve Mallia uża din il-kelma l-appellant ma kkoreġihx. Hija rriżenjat fl-20 ta' Ġunju 2005 iżda kienet marret għand il-Prim' Ministru bir-riżenja tagħha fit-8 ta' Ġunju 2005. Madanakollu l-ittra tar-riżenja tagħha kienet ġiet rifjutata u l-Prim' Ministru infurmaha li hija kellha l-fiduċja sħiħa tiegħu u tal-Kabinett. Apparti din il-kariga hija għanda kumpannija tal-*insurance* tagħha kif ukoll tokkupa l-pożizzjoni ta' direttur tal-Bank of Valletta liema kumpanniji huma t-tnejn regolati mill-MFSA. L-integrità tan-nies li jmexxu tali servizzi finanzjari hija mportanti. Għalhekk, meta l-Ministru

[11] Fol 15 – 16 xhieda tat-8 ta' Frar 2006.
[12] Fol -18 xhieda tal-20 t' April 2006.
[13] Fol. 26-28.

qal li hi sparpaljat il-flus, tali kumment kien jolqot il-professjoni tagħha u kieku kien minnu seta' jkollha riperkussjonijiet koroh mal-MFSA. Mhux hi biss fehmet l-intervista b'dan il-mod u filfatt avviċinawha nies oħra li fehmuha bl-istess mod li qalulha li ma basrux għaliha.

- **Jesmond Saliba,**[14] *communications coordinator* fil-Ministeru tal-Investiment, l-Industrija u l-Arti fiż-żmien rilevanti, xehed illi kien talab lill-ġurnalist in kwistjoni intervista dwar l-għeluq tat-tieni ħidma ta' leġislazzjoni tal-Gvern u mhux dwar is-Sea Malta. Jaf illi l-attriċi kienet tat intervista lill-pubbliku dwar il-kwistjoni tas-Sea Malta u l-Ministeru kien ħareġ stqarrija li ma kienx se jikkummenta aktar dwarha.

- **Martin Bonello Cole** jgħid[15] illi huwa *managing partner* tad-ditta ta' awdituri Grant Thornton li kienet l-awditriċi tas-Sea Malta. Huwa ma kienx direttament involut għaliex l-partner inkarigat fir-rigward tas-Sea Malta kien Mark Bugeja. Jgħid iżda li daba kellmu dwarha u l-problemi maġġuri li kellha s-Sea Malta kienu li kienet *heavily under capitalised.*

- **Mark Bugeja**, fil-professjoni awditur, xehed illi[16] huwa jokkupa l-kariga ta' *partner* tis-soċjetà Grant Thornton li taħt ir-responsabbilità tiegħu kienet tieħu ħsieb l-*auditing* tas-Sea Malta. L-*audit* kien isir darba fis-sena fejn kien jingħata *true and fair view* tal-qagħda finanzjarja tal-kumpannija. Fiż-żmien meta l-attriċi kienet *Chairperson* la hu u lanqas l-impjegati tiegħu qatt ma kellhom problemi biex jaċċessaw il-kotba tas-Sea Malta. Fl-*auditory reports* qatt ma ġiet irrapurtata l-ebda rregolarità u kull mistoqsija li kien ikollhom ġiet imwieġba b'mod sodisfaċenti. Qatt ma kien hemm spiża li ma kinitx tirrifletti l-irċevuti mogħtija jew xi rregolarità jew xi nfieq mhux relatat mal-kumpannija. Naturalment, huma ma jiċċekkjawx kollox, jaħdmu *on a sample basis* u l-infieq approvat mill-Bord skont il-proċeduri normali li jkun relatat mal-kumpannija ma jiġix *questioned*. Kienu jsiru xi rakkomandazzjonijiet għal xi *improvements* permezz ta' *management letter* li kienet tinħareġ darba f'sena. Ma jiftakarx li qatt irrapurtaw li kien hemm xi *squandering.* L-*audited accounts* kienu pubbliċi, reġistrati mal-MFSA u *tabled* fil-Parlament. Il-Ministru konċernat qatt ma ġibdilhom l-attenzjoni dwarhom. Kien hemm snin fejn ġew rappurtati profitti iżda ma ftakarx dettalji bl-amment. In kontro-eżami[17] xehed li l-attriċi saret *chairperson* tas-Sea Malta fid-9 t' April 1997. Is-sena

[14] Fol. 33 – 34 xhieda tal-15 ta' Novembru 2007.
[15] Fol 96 – 97 xhieda tad-29 ta' April 2009.
[16] Fol 98 – 100 xhieda tad-29 ta' April 2009.
[17] Fol. 123 – 126 xhieda tas-17 ta' Frar 2011.

finanzjarja tas-Sea Malta kienet tagħlaq fil-31 ta' Marzu ta' kull sena. Fil-31 ta' Marzu 1997 is-Sea Malta kellha *net assets* fil-valur ta' Lm3,334,071 u bħala *net current liabilities* kien hemm Lm301,742. L-attriċi rriżenjat minn *chairperson* tas-Sea Malta fl-20 ta' Ġunju 2005. Fl-għeluq tas-sena finanzjarja f'Marzu 2005 in-*net assets* saru *net liabilities* fil-valur ta' Lm782,299 u allura n-*net current liabilities* ġew għall-valur ta' Lm4,455,981. L-aħħar set ta' *accounts* li ġew ppreżentati kienu fit-12 ta' Diċembru 2005 meta l-kumpannija marret *into liquidation*. In ri-eżami, xehed ukoll li fl-1998 u f' Marzu 2005 il-kumpannija rreġistrat profitt. Il-qligħ reġistrat fl-1998 kien eċċezzjonali u dovut għal bejgħ ta' ishma u vapuri filwaqt li fl-2005 kien hemm *reversal of impairment*.[18]

12. L-ewwel ilment tal-appellant mhu xejn għajr riproponiment tal-punt numru 3 tas-sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti[19] u li effettivament saret referenza għalih fid-deċiżjoni appellata. Fir-rigward, għalkemm huwa fatt magħruf li wara s-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea 2004, li kienet tipprojbixxi li jingħata *State Aid* lill-kumpanniji statali għajr f'każijiet eċċezzjonali fejn tiġi negozjata deroga appożita, ma jirriżultax li l-appellant saħaq fuq dan il-punt fix-xhieda tiegħu. Irrispettivament minn dan, dak li kellha tiddeċiedi dwaru l-qorti hu jekk b'dak li qal l-appellant fl-intervista, kienx immalafama lill-appellata.

13. L-appellant imbgħad ikompli jilmenta f'termini vagi li l-Ewwel Qorti ħarġet mill-parametri tal-ilment tal-attriċi u kkunsidrat '*siltiet oħra*' li ma kinux meritu tal-kawża u li konsegwentement huwa ma ressaqx provi jew difiża dwarhom. Il-qorti ma taqbilx. Dak li ddeċidiet kien proprju dak li ġie ndirizzat matul is-smiegħ tal-kawża. Mid-deposizzjoni li tat l-appellata fis-seduta tal-20 ta' April, 2006 hu evidenti li l-ilment tagħha jikkonċerna dik il-parti tal-intervista fejn jissemma tberbiq ta' flus pubbiċi.

14. Fil-fehma ta' din il-qorti l-parti rilevanti tal-intervista għall-meritu ta' dan il-każ hi din il-parti:

*"**In an interview with The Times, she also invited you to repeat an accusation you made in Parliament saying that she 'squandered' public funds**.*

*I said under her chairmanship the net asset value, which was Lm1.8 million, has now been reduced to a net asset deficiency of around Lm1.4 million.*

***So did she, or did she not, squander public funds ?***

[18] Fol.126.
[19] Fol. 152.

*If we go from a positive asset situation of Lm1.8 million to a net deficiency of Lm1.4 million the conclusion is obvious.*

***And what is it ?***

*That she lost money; that she went from a net asset position to a net deficiency position.*

***And that's squandering money ?***

*There are some who would say it's squandering; there are some who say it's normal business losses. Everyone is free to define it as one wants.*

***And how would you define it ?***

*I would say it's a situation which should have been brought under control long before. And the only way to bring it undercontrol was to either sell off the company when it was in a net asset position or change it drastically from year one".*

***Wouldn't it have made more sense to get Sea Malta on its feet before selling it ?***

*You cannot get Sea malta on its feet. That is the problem. The problem is that since 1997, on average it lost Lm0.5 million every year – profit and loss".*

15. Fil-fehma tal-qorti l-qarrej normali kien qiegħed jingħata l-messaġġ li effettivament l-appellata, bħala Chairman, kienet berbqet fondi pubbliċi fiż-żmien li kienet chairman. L-appellant mistoqsi *"**So did she, or did she not, squander public funds ?**"*, wiegeb: *"If we go from a positive asset situation of Lm1.8 million to a net deficiency of Lm1.4 million **the conclusion is obvious**"*. Hu minnu li fl-intervista l-appellant m'użax il-kelma 'squander', iżda b'dik it-tweġiba jagħti x'jifhem li dak kien il-każ. Domanda u tweġiba ċara. Il-fatt li iktar 'il quddiem jidher li pprova jbenġel dak li kien diġa qal, ma jvarja xejn.

16. Meta l-appellant xehed qal, *"L-intervista li ġiet pubblikata tirrispekkja b'mod ġenerali dak li jiena għidt. Jiena nikkonferma li ma tlabt l-ebda rettifika lil Steve Mallia tal-pubblikazzjoni li għamel"*.[20] Hu għalhekk evidenti li l-appellant m'huwiex jikkontesta li dak pubblikat huma t-tweġibiet li fil-fatt ta lil Steve Mallia, il-persuna li għamillu l-intervista.

[20] Fol. 14.

17. Hu minnu li fil-bidu tal-intervista għad-domanda *"If Marlene Mizzi was doing so badly at Sea Malta, why didn't you sack her earlier ?"*, wieġeb: *"I would not like to go into the personalities issue but* ***I do not believe Marlene Mizzi was doing badly****. If I were convinced she was doing badly, i would have sacked her"*. Pero' l-appellant ma jistax jinqeda b'dik il-parti tal-intervista biex jaħrab mir-responsabbilta għal dak li qal dwarha iktar 'il quddiem fl-intervista. Wieħed irid jiftakar li l-qarrej normali m'huwiex ser joqgħod jaqra artiklu bil-lenti u jfettaq biex jipprova jifhem x'messaġġ irid jingħata minn min qal il-kliem oġġett ta' dawn it-tip ta' proċeduri.

18. Il-qorti tosserva wkoll kif fil-meritu l-appellant iddefenda ruħu biss billi qal li kien qiegħed jesprimi l-fehma tiegħu.

19. Wieħed jista' jargumenta li l-appellant kien qiegħed jesprimi l-fehma tiegħu. Madankollu il-fehma trid tkun bażata fuq fatti li huma sostanzjalment veri. Li tagħti x'tifhem li persuna berbqet fondi pubbliċi, hi akkuża serja iktar u iktar meta l-appellata qalet li kienet direttur fil-bord tad-diretturi ta' bank lokali u kumpannija ta' assikurazzjoni.

20. Hu minnu li l-appellanti kienet chairperson ta' Sea Malta Company Limited u l-appellant kien jokkupa kariga ta' Ministru u kien responsabbli għal dik il-kumpannija. M'hemmx dubju li min jokkupa karigi bħal dawk għandu jistenna li ssir kritika dwar l-operat tiegħu. Pero' kumpannija jkollha bord tad-diretturi. Ma saret l-ebda prova li l-appellanti kienet qegħda tieħu deċiżjonijiet waħedha dwar materji li jolqtu l-operat tal-kumpannija, u li kien minħabba l-aġir negliġenti tagħha li l-kumpannija spiċċat f'posizzjoni finanzjarja tant ħażina. Lanqas ma ngħatat prova li l-appellata ħadet xi deċiżjonijiet li jiġġustifikaw li jingħad li berbqet fondi pubbliċi. Fl-intervista dak li l-appellant implika fil-konfront tal-appellant kien bażat biss fuq il-fatt li, *".... net asset value, which was Lm1.8 million has now been reduced to a net asset deficiency of around Lm1.4 million"*. Fatt bħal dak waħdu, irrispettivament huwiex veru jew le, ma jiġġustifikax li wieħed jagħti x'jifhem lill-qarrej li l-appellata kienet berbqet fondi pubbliċi. Hu veru li mid-dokumenti li hemm fl-atti jirrizulta li mis-sena 1998 sa Marzu 2005, kien biss fis-snin 2002 u 2005 li l-kumpannija ma rregistratx telf. Pero' li kumpannija jkollha telf ma jfissirx li l-kaġun għal dak it-telf hu tberbiq ta' flus. Dan apparti li mill-istess dokumenti jirrizulta wkoll li n-net asset value li saret riferenza ghalih, kien fis-sena 2003 fl-ammont ta' €1,472,535 u fl-2004 kien prinċipalment negattiv wara li sar *write off* ta' Lm780,401. Hu fatt li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-kumpannija ma kienet xejn feliċi u anzi mill-audited accounts tidher li kienet ferm agħar minn dak li semma l-appellat. Dan jirriżulta mill-valur tal-current assets ta' kull sena li mis-sena 2000 spiċċaw fin-negattiv sabiex b'hekk saru *current liabilities*.

Madankollu din mhi l-ebda prova li l-appellata kienet qegħda tberbaq fond pubbliċi. Mingħajr ma jsir audit kif suppost tal-operat tal-bord tad-diretturi, ma jistax ikun hemm prova li l-appellata berbqeta fondi pubbliċi. Dan apparti li:

i. L-*audited accounts* kienu żgur disponibbli għall-appellant u kien għalhekk jaf li l-kumpannija kienet qegħda topera *at a loss*. Madankollu l-Gvern żamm lill-appellanti fil-kariga għal dawk is-snin kollha. Fatt li għall-qorti juri li kellu fiduċja fl-operat tagħha;

ii. Il-Gvern kull sena kien qiegħed jagħti *letter of comfort* lill-bord tad-diretturi ta' Sea Malta Co Ltd li jagħmel tajjeb għad-dejn tal-kumpannija, minkejja li fl-intervista l-appellant qal li l-kumpannija kienet qegħda titlef *'Lm0.5 million every year'*. Ittri li jinsabu fl-atti (ara Dok. AG3) fejn jingħad ċar u tond li, ***"the Government of Malta will provide the necessary financial support to the group to ensure that it can continue trading as a going concern"***. Għall-qorti dan fih innifsu kien vot ta' fiduċja fl-operat tal-bord tad-diretturi li fih l-appellata kienet *chairperson*. L-aħħar *letter of comfort* hi datata 14 ta' Lulju, 2005 u kienet tkopri sal-31 ta' Marzu, 2006. Li mbagħad wieħed jimplika li l-appellata kienet berbqet fondi pubbliċi bażat biss fuq figuri li l-Gvern kien jaf bihom, hu inaċċettabbli. Il-fatt waħdu li l-Gvern żamm lill-appellata fil-kariga ta' chairperson għal dawk is-snin kollha, minkejja s-sitwazzjoni finanzjarja xejn sabiħa tal-kumpannija, fih innifsu hu ndizju b'saħħtu li kellu fiduċja f'dak li kienet qegħda tagħmel l-appellata.

21. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti ma ssib l-ebda raġuni għalfejn m'għandhiex taqbel mal-konkluzjoni li waslet għaliha l-ewwel qorti.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellant.**

Anthony Ellul.